MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 203/1997/1

**Saviour Camilleri**

**Vs**

**Bernard Mayo**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Jannar 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur ippresta s-servizzi tieghu ta' *interior design* lill-konvenut fil-Bar & Restaurant li ghandu f' Bugibba;

Premess illi ghal dan ix-xoghol il-partijiet ftehmu fuq prezz ta’ elf, erba’ mija u disgha u erbghin lira Maltija (Lm1449) li l-konvenut kellu jhallas lill-attur hekk kif jitlesta x-xoghol;

Premess illi avolja l-attur wettaq dan ix-xoghol kif miftiehem, il-konvenut baqa’ ma hallsux;

Premess illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, baqa’ inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attur huwa cert, likwidu u skadut ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif l-istess attur jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u li fil-fehma tieghu l-konvenut m’ ghandux eccezzjonijiet x’ jaghti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ Lm1449, dovuta ghas-servizzi pprestati lilu mill-attur;

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 27 ta’ Novembru 1996 u l-ittra ufficcjali datata 11 ta’ Dicembru 1996, kif ukoll tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet tat-18 ta’ April 1997 li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta' April 1997, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament il-konvenut Bernard Mayo m' huwiex il-legittimu kontradittur stante li n-negozjati dejjem saru bejn l-attur u l-kumpanija AMFPA Limited li taghha Bernard Mayo huwa wiehed mid-diretturi;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mhux dovut stante li kwalsiasi ftehim kellu jsir bil-miktub, liema ftehim qatt ma avvera ruhu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk jigi deciz li kien hemm kuntratt bilaterali, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li:

i. hija intempestiva peress l-attur ma kkompletax ix-xoghol skond il-ftehim;

ii. l-attur naqas fl-obbligazzjoni tieghu li jikkompleta l-inkarigu sa mhux aktar tard minn Awissu 1996;

iii. li hemm lok ghal tpacija peress li l-attur kellu jlesti x-xoghlijiet kollha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu, 1996 u fin-nuqqas ikun soggett ghall-hlas ta' penali;

Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-25 ta' Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-istanza odjerna hi wahda minn dawk fejn, minhabba l-ezistenza tal-versjonijiet kontrastanti, l-ezitu taghha jiddependi l-aktar, jekk mhux ukoll esklusivament, mill-attendibilita` tal-provi. Il-kompitu ghal min irid jiggudika jsir, imbaghad, aktar iebes meta l-partijiet ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim ta’ bejniethom; fil-kaz prezenti, x’ prestazzjonijiet kienu koncepiti u voluti mill-partijiet;

Kif josserva pero` l-Imhallef insenji Maurice Caruana Curran fil-kawza “**Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia**”, (**Vol. L P II p 440**), “mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’ dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’ kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ *in dubio pro reo*. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, specjalment fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’ kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.”;

Fil-kaz in ezami l-kontendenti ma iskrivewx il-ftehim ta’ bejniethom, u dan, del resto, ma kienx hekk necessitat li jsir stante li l-kuntratt hawn kontemplat ma huwiex wiehed fost dawk annoverati fil-lista ta’ kuntratti elenkati fl-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili u li dwarhom il-ligi espressament

tirrikjedi *ad substantiam vel probationem* il-prova skritta taht piena ta' nullita`;

Dan ma jfisserx illi l-prova tal-ftehim ma setghetx tigi supplita permezz ta' provi ohra, *ad exemplum*, dawk testimonjali jew xi mezz istruttorju iehor, *inter alia*, il-konfessjoni jew l-ammissjoni, dimostranti l-konkluzjoni tal-kuntratt. Huwa proprju dawn il-provi testimonjali li fil-kaz *in ispecie* jassumu importanza sinifikativa ghall-veracita` tan-negozju guridiku *inter partes*, u allura wkoll, il-fonti tad-drittijiet u obbligi bejn il-kontendenti. Il-gudikant allura hu tenut biex jivvaluta c-cirkostanzi dedotti minn dawn il-provi testimonjali u dan in relazzjoni ghar-rapport *inter partes* u ghall-incidenza tas-sitwazzjoni partikulari;

Issa l-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-provi jistghu jigu rikapitulati kif gej;

L-attur jirrikostruwixxi, permezz tax-xhieda tieghu (fol. 21 u fol. 94 *et seq.*) u dik ta' Piju Mangion (fol. 26 u fol. 137), il-volonta` tal-partijiet billi qabel xejn jippreciza li l-professjoni tieghu hi dik ta' *interior designer*. B' mod generali l-attur jiddeskrivi illi l-ewwel haga li jaghmel hu dak li jaghmel inkontri mal-klijent biex jassessja x' ikun jixtieq, jaghmel *survey*, jiddisinjalu l-post u wara li jlesti l-i*sketches* u dawn jigu approvati mill-klijent jghaddi ghad-*detailed drawings*. Eventwalment jipprepara wkoll il-*bill of quantities* u t-*tender documents*, jirredigi rapport tal-*costings* tal-kuntratturi li jkun ikkuntattja, u wara approvazzjoni mill-klijent, johrog *letter of acceptance* lil kuntratturi koncernati u dawn jiffirmaw kuntratt mal-klijent. Il-kompitu tieghu jinvolvi wkoll supervizjoni tax-xoghlijiet mill-kuntratturi. Finalment minn fuq il-*cost* tal-progett johrog il-*fee* tieghu komputata bhala percentagg fuq il-*cost* totali. (Ara deposizzjoni ta' l-attur in kontro-ezami a fol. 97 - 98);

Fil-kaz partikulari l-attur jghid li hu gie avvicinat l-ewwel darba mill-konvenut f' Ottubru 1993. Dakinhar kien ghamel *survey* fil-fond, ressaq proposti u "*layouts*" tat-

tqassim ad uzu ta’ bar kif progettat mill-konvenut. Billi f’ dak iz-zmien il-progett ma immaterjalizzax, anke ghaliex kienu ghadhom qed isiru xoghlijiet strutturali fil-fond, il-konvenut rega’ imbaghad ikkuntattjah f’ Mejju 1996 bi progett gdid ta’ pizza bar. L-attur isostni, kif korroborat mix-xhud u *draughtsman* Piju Mangion, illi rega’ sar *survey*, tlestew l-i*sketches*, saru diskussjonijiet, u gew preparati wkoll il-pjanti finali bl-intervent ukoll ta’ certu Keith Varley, inkarigat mill-attur. L-attur u x-xhud imsemmi Piju Mangion jikkonfermaw illi, kif manifest mill-pjanti, il-preparazzjoni taghhom tlestiet sad-data akkordata tal-31 ta’ Awissu 1996;

In succint il-konvenut (fol. 36 u fol. 62 *et seq*.), kif ukoll uliedu Glenn Mayo (fol. 42 u fol. 90) u Kenneth Mayo (fol. 51 u fol. 87), filwaqt li jikkonfermaw il-laqghat ma’ l-attur fl-1993 u fl-1996, jikkontendu illi huma qatt ma taw inkarigu lill-attur biex jaghmel id-disinji, izda li jaghmel “*turnkey project*”. In sostenn ta’ din l-allegazzjoni l-konvenut ipproduca l-Affidavit ta’ huh Gordon Mayo (fol. 128). Isostnu wkoll illi huma riedu li l-ftehim ikun bil-mitkub. Fl-istess nifs jghidu li l-attur kellu jlesti dan il-progett sa Awissu 1996 u bil-fomm dan kien hekk jassikurahom li ser jaghmel. Il-kumplament u dettal tad-deposizzjonijiet jaggiraw ma’ dawn l-aspetti primarji tal-linja difensjonali tal-konvenut;

Mill-provi ewlenin fuq raffigurati l-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

(1) Ghalkemm ma kien jezisti l-ebda ftehim bil-miktub xorta wahda mill-kumpless taghhom il-provi processwali jevidenzjaw l-ezistenza ta’ tali ftehim bejn il-partijiet. Ftehim fejn l-attur kellu jippresta s-servizzi tieghu ta’ dizinjatur. Oltre l-provi fuq specifikati dan hu desumibbli wkoll mill-kontenut tad-Design Service Agreement (fol. 74) li ghalkemm baqa’ ma giex sottoskritt huwa indikattiv li l-partijiet iddiskutew u ftehmu kemm fuq il-perjodu ghall-ezekuzzjoni tal-kompitu kommissjonat kif ukoll dwar il-penali. Huwa desumibbli wkoll minn dak

mistqarr mix-xhud Piju Mangion, u li baqa’ nkontradett, dwar diskussjonijiet bejnu u l-konvenut dwar il-posizzjoni tal-bieb principali tal-fond (fol. 139). Fuq kollox, imbaghad, tezisti l-prova efficcjenti li jaghmlu l-*working drawings* esebiti mill-attur (fol. 28). Huwa intwittiv hafna illi l-ebda bniedem sensat mhu mistenni li jingarba f’ hidma li tinvolvi sieghat u granet ta’ preparazzjoni jekk ma jkunx verament u tabilhaqq awtorizzat jew kommissjonat jaghmel dan;

(2) Il-verita` li tidher l-aktar ovvja fil-kontestazzjoni u rezistenza tal-konvenut ghad-domanda tal-hlas li saritlu mill-attur hi dik minnu stess konfessata f’ paragrafu 10 ta’ l-Affidavit tieghu, u cjoe, illi lejn l-ahhar ta’ Lulju 1996, fuq l-assunt li l-attur ma kien wera l-ebda interess, uliedu u hu qabdu u kkuntattjaw lil certu Kristov Gauci sabiex jiehu hsieb il-progett (fol. 38);

(3) Il-Qorti ma taccettax bhala korrispondenti ghal veru illi l-ftehim ma’ l-attur kien jikkonsisti minn “*turnkey project*”. Jirrizulta mill-provi illi x-xoghlijiet strutturali ha hsiebhom kollha l-konvenut. Tant hu hekk li hu stess jghid li l-progett ma sarx fl-1993 ghax dawn ix-xoghlijiet kienu ghadhom mhux terminati. Dippju mill-ispjegazzjoni (fol. 76) li hu stess iforni lill-frazi “*turnkey project*” huwa indikattiv hafna li ebda ftehim f’ dan is-sens ma kien diskuss jew maqbul ma’ l-attur. Il-fatt imbaghad li hu seta’ ftiehem mat-terz (Kristov Gauci) b’ dan il-mod, jew il-fatt li l-attur gieli accetta *turnkey projects* anke ma’ hu l-konvenut, ma jfisserx illi ghaldaqshekk il-ftehim ma’ l-attur kien jikkonsisti ta’ bilfors f’ dan;

(4) Kienu x’ kienu l-motivi li nducew lill-konvenut jidhol f’ arrangament mat-terz il-fatt jibqa’ li l-attur adempixxa l-obbligu li ghalih ftiehem u li dwaru ppretenda l-hlas. In virtu ghalhekk tal-massima maghrufa “*omnia labor optat premium*” l-attur jimmeritah li jigi remunerat tax-xoghol li ghamel, kif appattwit. Jekk il-konvenut deherlu li kellu jingagga s-servizzi professjonali ta’ l-attur hu kellu jkun preparat li jhallas ta’ dan is-servizz. L-insistenza tal-konvenut li hu qatt ma ngagga lill-attur hi zmentita mid-dokumentazzjoni esebita li kjarament turi

mod iehor. Ma kien hemm xejn allura x' jiggustifika l-atteggjament tal-konvenut, anke jekk ghar-ragunijiet tieghu, imbaghad, naqas li juzufruwixxi ruhu mid-dokumentazzjoni preparata mill-attur. Kieku ried seta' jikkawtela lilu nnifsu billi jissospendi l-inkariku u mhux jaqbad u *sua sponte* jingagga lil terz biex imbaghad jippretendi li ma ghandux ihallas lill-attur li qeda l-mansjoni lilu affidata;

(5) Il-Qorti tinnota illi l-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni in meritu ghall-kwantum domandat. Anke hawn pero` il-Qorti ma ssibx mill-ispjegazzjoni supplita mill-attur (fol. 111 u fol. 121) illi l-kont jiddifetta meta l-prattika professjonali f' kazijiet ta' din ix-xorta hi dik proprju ta' hlas ta' percentagg bazat, anke skond l-iskeda (fol. 74), fuq *costings* tal-progett, li f' dan il-kaz gew preparati minn *quantity surveyor* ta' esperjenza. (Ara dokument a fol. 105);

Fil-meritu ghalhekk, mill-assjem tal-provi strumentali fil-process, il-kontestazzjoni tal-konvenut ma hi meritevoli ta' l-ebda akkoljiment. Dan kemm fir-rigward tax-xorta tal-ftehim, l-allegati intempestivita fl-inkompletar tax-xoghol, u tal-penali, li f' kull kaz mhux biss ma gietx provata izda addirittura zmentita mill-prova certa ta' l-ezekuzzjoni tas-servizz kommissjonat;

Issa l-konvenut ma iddefendiex ruhu biss b' dawn l-eccezzjonijiet izda ssolleva wkoll in linea preliminari d-difiza li hu ma kienx il-legittimu kontradittur. Dan fuq l-assunt illi se mai kienet is-socjeta` AMFPA Limited li kkuntrattat u mhux hu personalment;

Kif gja fuq espost l-inkarigu lill-attur ra l-bidu tieghu fis-sena 1993 meta allura l-kumpanija ma kienetx ghadha ffurmata billi anke kif ammess mill-istess konvenut din giet registrata l-ewwel darba fl-1996: "Fl-1996 jien imbaghad ghamilt kumpanija u dahlu t-tfal mieghi" (fol. 63);

Issa huwa minnu li kemm il-konvenut kif ukoll uliedu ddikjaraw illi huma kienu nformaw lill-attur bil-kumpanija, fatt dan negat mill-attur (fol. 23), izda imbaghad rinfaccjat bid-dokument “Design Service Agreement” (fol. 74), jistqarr illi f’ dak l-istadju huwa ma kienx gibed l-attenzjoni ta’ l-attur dwar il-fatt li kien tnizzel ismu u mhux isem il-kumpanija (fol. 79);

Issa kif ormai hu pacifiku fi skorta ta’ sentenzi, “hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’ isem haddiehor jew jekk dan ma jindikalux espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f’ isem haddiehor.” - “**Frank Cilia *nomine* -vs- Charles Scicluna**”, Qorti tal-Kummerc, 27 ta’ April 1992;

Issokta jigi espress illi “l-prova kontrarja naturalment kienet tispetta l-persuna li kien qed jidher f’ isem u ghan-nom ta’ haddiehor.  Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta’ haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkontratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat” - “**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999;

Kif kompla jinghad f’ din l-ahhar citata sentenza “jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi  ta’ kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta’ haddiehor.  Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji.  Fejn hemm dubju pero`, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed  tikkontratta kienet hekk qed taghmel f’ isimha proprju”;

F’ dan il-kaz hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti minn dak fuq rilevat illi l-konvenut ma rnexxielux sodisfacentement jiddemostra bi prova univoka u skarna minn kull dubju illi hu mhux obbligat personalment li

jaghmel tajjeb ghall-kreditu ta' l-attur. Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni ma jisthoqqilha l-ebda akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li qed tirrigetta l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-attur u b' hekk tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf erba' mija u disgha u erbghin lira Maltija (Lm1449) ghas-servizzi prestati ta' *interior design* lilu kommissjonati mill-konvenut. Fuq din is-somma jiddekorru l-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali tal-11 ta' Dicembru 1996;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------